**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**

**ĠURISDIZZJONI SUPERJURI**

**SEZZJONI ĠENERALI**

**Maġistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Rikors Ġuramentat numru 55/2018MV**

**fl-ismijiet:**

**Joseph Bajada (detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru: 31854(G)**

**vs**

**Kummissarju tal-Pulizija**

**Illum, id-29 ta' Marzu 2022**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors preżentat fit-13 ta' Marzu 2009 ai termini tal-Art. 22C tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u d-dokumenti annessi, fejn ir-rikorrent jgħid hekk:

1. Illi permezz tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-ismijiet: *Il-Pulizija (Spettur Frank Anthony Tabone, Spettur Bernard Charles Spiteri) -vs- Joseph Bajada* tat-tnax (12) ta' April 2018, hu nstab hati *inter alia* li forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura id-droga eroina; kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina u nghata sentenza ta' hames (5) snin prigunerija effettiva, flimkien ma' multa ta' tlett elef u hames mitt ewro (€3500) u l-ispejjez peritali u r-relattiva konfiska ta' flejjes, mobbli u mmobbli appartenenti lilu, skont il-ligi, u dan, favur il-Gvern ta' Malta u dan kif jidher mill-kopja tas-sentenza hawn annessa u mmarkata bhala **Dok A**;

2. Illi r-rikorrenti ghandu proprieta' mobbli u mmobbli li tikkonsisti fi kwota ta' nona parti (1/9) indiviza fi flus li jinsabu ddepositati l-Bank of Valletta plc u kwota ta' nona parti (1/9) indiviza tal-lok ta' djar fin-numru tletin (30), Triq San Guzepp, Xaghra, Ghawdex bl-art mieghu annessa fi proprieta' li kien akkwista bhala wirt minghand il-ġenituri tieghu l-mejtin

Emanuel Bajada li gie nieqes nhar it-tnax (12) ta' Lulju 1982 u ta' Carmela Bajada li giet nieqsa fis-sitta (6) ta' Frar 2002 u dan hekk kif jidher mil-kopji tad-dikjarazzjonijiet *causa mortis* hawn annessi u mmarkati bhala **Dok B** u **Dok C** u li ghalhekk dan mhux frott, jew dhul jew eghmil ta' reati taht il-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan, la direttament u lanqas indirettament;

Jghid l-istess konvenut l-ghaliex m'ghandiex dina l-Onorabbli Qorti ghar-ragunijiet premessi:

1. Tiddikjara l-proprieta' mobbli u mmobbli minnu ndikata fit-tieni (2) premessa tieghu li, ghall-ekonomija tal-gudizzju, mhix qed tigi ripetuta hawn, ma kinitx rizultat ta' profitti jew dhul minn xi eghmil jew reati taht il-Kp 101 fuq gia ndikat, u dan la direttament u lanqas indirettament; u
2. Tirrilaxxa l-proprieta' mobbli u mmobbli in dizamina favur ir-rikorrenti fuq indikat.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-istess konvenut ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa huwa mharrek.

Rat ir-risposta tal-konvenut prezentata fis-26 ta' Lulju 2018 fejn jinghad hekk:

1. Illi fir-rigward tal-mertu, jehtieg li r-rikorrent jgib prova konkreta u sodisfacenti li l-provenjenza tal-oggetti li taghhom qed jitlob ir-rilaxx mhix rizultati ta' profit jew dhul mill-ghemil tar-reat li tieghu ir-rikorrent instab hati jew propjeta' akkwistata jew miksuba, direttament jew indirettament, minn jew permezz ta' xi profiti jew dhul mill-ghemil ta' reat;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost jigi rilevat ukoll li r-rikorrent ghandu jehmez mar-rikors guramentat id-dokumenti <u>kollha</u> li ser jipproduci sabiex jipprova l-kaz tieghu ai termini tal-artiklu 22C(3) tal-Kap 101;

3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, fuq il-mertu jigi rilevat li l-prova u l-provenjenza lecita ta' din il-proprjeta' u l-akkwist lecitu taghha tispetta lir-rikorrent;

4. Illi fi kwalunkwe kaz u peress li f'dan l-istadju r-rikorrent ma gabx provi ezawrjenti dwar il-lecita' tal-proprjeta' in kwistjoni, l-esponent jirrileva li r-rikors promotur huwa infondat fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk l-esponent jopponi l-akkoljiment tat-talba tar-rikorrent;

5. Illi in vista tas-suespost it-talba tar-rikorrenti ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti;

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri wara li l-esponent ikollu l-opportunita' li jikkontrolla l-provi tar-rikorrent u x-xhieda li elenka fir-rikors u

wara li jinghata lilu l-opportunita' li jivverifika d-dokumenti li r-rikorrenti kien obbligat jehmez mal-istess rikors kif inghad qabel.

Semgħet il-provi.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut.

Rat u qieset il-provi u dokumenti kollha prodotti.

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

**Il-Fatti li taw lok għall-Kawża**

Illi f'din il-kawża l-attur kien instab ħati ta' reat in konnessjoni ma' sustanzi illeċiti u ġie ikkundannat inter alia għall-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' flejjes, mobbli u immobbli appartenenti lilu.

**It-Talbiet u l-Eċċezzjonijiet fil-Qosor**

L-attur qed jitlob (1) dikjarazzjoni li l-proprjeta' mobbli u immobbli ndikata minnu ma hiex riżultat ta' għemil illegali u (2) ir-rilaxx ta' sehem ta' nona parti indiviża mill-wirt ta' ommu u missieru a favur tiegħu.

Il-konvenut eċċepixxa (1) l-attur irid iġib prova konkreta u sodisfaċenti dwar il-provenjenza tal-imsemmija proprjeta' u ċioe'

li din mhix ġejja minn għemil ta’ reat u (2) l-attur kellu jehmeż mar-rikors promotur il-provi dokumenti kollha u (3) l-oneru ta’ tali provi huwa fuq l-attur u (4) l-attur ma ġabx provi eżawrjenti u (4) konsegwentament it-talba tiegħu għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż u (6) bir-riserva ta’ eċċezzjonijiet ulterjuri wara li l-konvenut ikollu l-opportunita’ li jiskrutinizza l-provi, dokumenti u xhieda miġjuba mill-attur.

**Ġurisprudenza**

Fil-kawża Appell Ċivili Numru. 329/2009/1 **Anthony Seychell v. Kummissarju tal-Pulizija**, il-Qorti tal-Appell[1] qalet hekk:

“Qabel ma titratta l-appell din il-Qorti tirribadixxi illi, f’kawza ta’ din ix-xorta, huwa l-attur li jrid jipprova li l-oggetti in kwistjoni ma jkollhomx rabta mar-reat li tieghu instab hati u li l-provenjenza taghhom hija kollha kemm hi lecita. In oltre, kif qalet din il-Qorti fil-kawza **Bajada et v. L-Avukat Generali et.**[2] “il-prova trid tkun wahda cara u konkludenti, anke jekk il-grad ta’ perswazjoni huwa biss fuq bazi ta’ probabbilita`”[3]

Fil-kawża **Nazzarene Muscat vs Il-Kummissarju tal-Pulizija**[4] l-Qorti Prim Awla qalet hekk:

“Din hija azzjoni bis-sahha ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta) fejn skond l-Art. 22C(1) tista’ ssir talba sabiex propjeta’ (kollox inkluz u xejn eskluz) ta’

[1] L-1 ta' Lulju, 2014, Appell.
[2] 28 ta’ Marzu 2014, Appell.
[3] Abela vs Kummissarju tal-Pulizija , Prim Awla, 6 t’Ottubru 2005.
[4] Prim Awla

persuna li tkun instabet hatja ta' reat kontra l-Ordinanza ma tibqax izjed hekk milquta bil-konfiska maghmula jekk dik il-persuna turi li dik il-propjeta' ma tkunx gejja minn profitt jew minn dhul tal-ghemil ta' reat jew ma tkunx miksuba, direttament jew indirettament, permezz ta' xi profitt jew dhul bhal dak. Huwa evidenti li jispetta lir-rikorrent li qed jitlob ir-revoka tal-ordni tal-konfiska li jressaq il-provi tieghu fi grad bizzejjed biex titwemmen li l-beni li jrid li jinhelsu mill-konfiska ma kienx miksub minn flejjes jew qligh marbut ma' profitt jew dhul minn ghemil ta' reat u ghalhekk irid ikun ir-rikorrenti li jaghmel il-prova tal-provenjenza lecita tal-propjeta' jew l-akkwist lecitu taghha. Ladarba l-legislatur haseb sabiex il-procediment jinstema' minn Qorti ta' kompetenza civili u ladarba l-ligi stess tghid li ghal dan il-procediment japplika l-Kap. 12 tal-Ligjiet ta' Malta il-grad ta' prova rikjesta huwa dak tal-bilanc ta' probabilitajiet vigenti fi procedura civili u mhux dak rigoruz tal-procediment penali[5].

Il-procedura kontemplata bl-Art. 22C hija specjali u taghmel eccezzjoni fis-sens li tapplika meta persuna tkun instabet hatja minn Qorti kompetenti ta' reat kontra l-Kap. 101. Ghalhekk ladarba tmur kontra x-xejra tad-disposizzjonijiet generali ta' dik il-ligi fejn si tratta tal-konfiska tal-gid ta' persuna li tikser il-Kap. 101, u sakemm jigu mharsin il-jeddijiet sostantivi tal-partijiet interessati, ghandha tinghata tifsira f'termini stretti u mhux aktar wiesgha minn dak li ried il-legislatur.

[5] Abela vs Kummissarju tal-Pulizija" – PA/JRM – 6 ta' Ottubru 2005

Din il-procedura tapplika ghal ordni maghmula skond l-Art. 22(3A)(d) biss. Din id-disposizzjoni tittratta l-konfiska ta' flejjes u gid, mobbli jew immobbli, tal-persuna li tinstab hatja, kemm jekk dawk il-beni jinsabu f'Malta kemm jekk barra, ukoll jekk sad-data tas-sejbien tal-htija, l-immobbli jkun ghadda f'idejn terzi. Il-procedura hija miftuha kemm ghall-persuna li tkun misjuba hatja kif ukoll ghat-terza persuna li f'idejha jkun ghadda l-immobbli, u skond l-Art. 22C(2) tal-Kap. 101 trid tinbeda mhux izjed tard minn tliet xhur minn meta s-sentenza li tkun ordnat il-konfiska ssir gudikat. Jekk wara smigh sommarju, il-Qorti tasal ghall-fehma li t-talba tar-rikorrent ghandha tintlaqa' kollha jew f'xi parti minnha, il-gid li jkun milqut b'dik id-decizjoni ma jibqax izjed konfiskat u jintradd lura lir-rikorrent bis-sahha tad-decizjoni nnfisha meta din issir gudikat (Art. 22D) u dik id-decizjoni favorevoli titqies bhala trasferiment tat-titolu ta' dak il-gid lura mill-Gvern ghal ghand ir-rikorrent [Art. 22C(8)] kif preskritt.

Ghandu jitqies ukoll li l-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta li bis-sahha tieghu jsir is-sekwestru jidher li johloq presunzjoni ("Abela vs Kummissarju tal-Pulizija" op. cit.) li l-gid tal-persuna mixlija b'reat kontra dik l-Ordinanza tnissel sewwasew mill-attivita' kriminali tal-persuna li tkun. Dan ighodd aktar jekk il-persuna tkun fil-fatt instabet hatja mill-Qorti kompetenti tar-reat li tkun mixlija bih. F'dan il-kuntest, ghalhekk il-piz tal-prova li dak il-gid inkiseb b'mezzi legittimi jrid ikun x'aktarx aqwa minn semplici dikjarazzjoni vaga li r-rikorrent kellu ghejun jew risorsi ohra ta' ghejxien.

**Provi**

L-attur ressaq diversi dokumenti annessi mar-rikors promotur. Ressaq ukoll rappreżentant tal-Bank of Valletta u rappreżentant tax-Taxxi li rispettivament ikkonfermaw id-dokumenti prodotti mill-attur.

L-attur xehed permezz ta' affidavit[6] fejn ikkonferma illi huwa wiret nona parti indiviża mill-kontijiet bankarji tal-ġenituri tiegħu Emanuel u Carmela Bajada, kif ukoll nona parti indiviża mill-fond 30, Triq San Ġuzepp, Xagħra bl-art annessa miegħu. In kontro-eżami[7] huwa ma għarafx iwieġeb u saħaq li huwa ma jafx x'wiret għax għadu ma ħa xejn.

Il-konvenut ma ressaq l-ebda provi.

**Il-Każ in Eżami**

Ikkunsidrat:

Mill-atti jirriżulta li l-proprjeta' li r-rikorrent talab ir-rilaxx mill-ordni ta' konfiska tikkonsisti: (1) f'sehem ta' nona parti (1/9) indiviża ta' flus li jinsabu depozitati fil-Bank of Valletta u (2) sehem ta' nona parti (1/9) indiviża tal-lok ta' djar bin-numru

[6] A folio 83 tal-proċess.
[7] A folio 98 u 99 tal-proċess.

tletin (30), Triq San Ġuzepp, Xagħra, Għawdex bl-art miegħu annessa. Huwa jgħid li dawn akkwistahom mill-wirt tal-ġenituri tiegħu li mietu rispettivament fit-tnax (12) ta' Lulju 1982 u fis-sitta (06) ta' Frar 2002.

Illi huwa ressaq is-segwenti provi dwar il-provenjenza tal-imsemmija assi:

Id-dikjarazzjoni causa mortis ta' ommu Carmela Bajada[8], minn liema jirriżulta li huwa akkwista nona parti indiviża minn żewġ kwinti indiviżi tal-fond numru tletin (30), Triq San Ġuzepp, Xagħra, Għawdex. Omm l-attur mietet fis-06 ta' Frar 2002 u d-dikjarazzjoni causa mortis saret fit-22 ta' Lulju 2002. Jiġifieri dan l-akkwist sar sittax il-sena qabel l-attur ġie misjub ħati. L-imsemmija dikjarazzjoni causa mortis ġiet konfermata wkoll mir-rappreżentant tat-Taxxi Noel Attard[9]. Fir-rigward tat-tlett kwinti indiviżi mill-istess fond, li kien jappartjeni lil missieru Emanuel Bajada, huwa akkwista nona parti indiviża wkoll liema sehem ġie denunzjat fit-08 ta' Settembru 1982[10], u cioe' dan l-akkwist sar sitta u tletin sena qabel ġie misjub ħati.

Illi fid-dawl ta' tali provi din il-Qorti hija tal-fehma li l-imsemmija proprjeta' ma tistax tkun kolpita mill-ordni ta' konfiska skont il-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta għar-raġuni li mill-atti jirriżulta li kienet provenjenti minn wirt u għalhekk minn sors leċitu.

L-istess jingħad fir-rigward tas-sehem ta' nona parti indiviża mill-kontijiet bankarji msemmija li llum isejħu lill-werrieta ta'

[8] Dok B anness mar-rikors promotur a folio 35 tal-proċess.
[9] A folio 70 sa 73 tal-proċess.
[10] Dok C anness mar-rikors promotur a folio 38 tal-proċess.

Emanuel Bajada u lill-werrieta ta' ommu Carmela Bajada. Illi fir-rigward tal-imsemmija kontijiet bankarji, l-attur ressaq żewġ statements bankarji[11]. Dawn ġew konfermati mix-xhieda ta' Alvin Scicluna[12]. Illi fir-rigward tas-sottomissjoni tal-konvenut illi n-numru tal-kont bankarju fuq id-denunzja ta' missier il-konvenut ma jaqbilx man-numru tal-kont bankarju esebit mill-attur u wara esebit ukoll mir-rappreżentant tal-bank, huwa raġonevoli illi tali numru nbidel mal-bdil fil-proċeduri bankarji li jsiru tul is-snin, u hawn si tratta minn kont illi ilu fis-seħħ sa mis-sena 1982. Il-Qorti għandha wkoll ix-xhieda tar-rappreżentant tal-Bank li ressaq l-istess bank statement u għalhekk hija sodisfatta mill-ġenwinita' ta' tali prova.

Illi l-provi mressqa mill-attur ma ġew kontradetti bl-ebda mod mill-konvenut.

**Decide:**

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi: (1) Tilqa' t-talba tal-attur u tiddikjara li (a) in-nona parti indiviża tal-lok ta' djar fin-numru tletin (30), Triq San Ġuzepp, Xagħra, Għawdex, bl-art miegħu annessa u (b) in-nona parti indiviża fi flus li jinsabu depożitati l-Bank of Valletta plc fil-kontijiet bankarji wieħed f'isem Carmela Bajada bin-numru: 12408061011 u l-ieħor f'isem "Heirs of Late Emanuel Bajada" bin-numru: 12407926018 ma

[11] Dok D u Dok E mar-rikors promotur a folio 42 u 43 tal-proċess.
[12] A folio 57 sa 69 tal-proċess.

humiex la direttament u lanqas indirettament riżultat ta' profitti jew dħul minn xi għemil jew reati taħt il-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta; u konsegwentament (2) Tirrilaxxja l-imsemmija proprjeta' mobbli u immobbli a favur l-attur; u (3) Tordna għalhekk it-tħassir limitatament fir-rigward tal-beni hawn fuq imsemmija tal-ordni ta' konfiska magħmula mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Għawdex) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fis-sentenza tagħha tat-12 t'April 2018 fil-kawża fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Bajada; u (4) Tordna li l-ispejjes ta' din il-proċedura jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**
Maġistrat

Mary Jane Attard
Deputat Reġistratur